

# L-Arma tal-Fgura

Wara erba' snin ta' ħidma, il-Kumitat Ċiviku seta' joffri lill-Fgura arma. Din l-arma sempliċi imma sinifikattiva nħadmet fuq linji moderni u faċilment setgħet tiġi ddisinjata. Għall-bosta snin l-istemma tal-Ordni Karmelitan kienet isservi *ad interim* bħala l-arma tal-Fgura. Dan sar peress li kellhom ikunu l-Patrijiet Karmelitani li bil-miġja tagħhom hawnhekk, taw din il-fisjonomija definittiva lil dan il-lokal. L-idea u l-ħtieġa li l-Fgura jkollha arma jew distintiv tagħha kien ilu jinħass is-snin. Minħabba dan saru diversi attentati u ġew imfittxija diversi artisti li ġentilment u mingħajr ebda ħlas issottomettew xogħlijiet li kollha kienu sbieħ u ta' valur artistiku għoli. Il-Kumitat Ċiviku kellu jitlob l-assistenza ta' artist ta' fama nazzjonali biex jgħinu jagħmel għażla għaqlija minn fost dawn ix-xogħlijiet tajbin u artistiċi. Wara l-eliminazzjoni ta' xi disinji l-artist espert ta parir lill-kumitat biex ikompli jiżviluppa d-disinn li sab ħafna approvazzjoni u apprezzament mill-membri tal-Kumitat Ċiviku.



Għaldaqstant inħadmu seba' forom tal-istess disinn mudell b'xi dettalji u partikolaritajiet varji u differenti u ġew esposti lill-korpi kostitwiti, reliġjużi u ċivili li jinsabu fil-Fgura.

Dawn il-korpi għażlu b'maġġoranza d-disinn numru tlieta. Wieħed jista' faċilment jara li l-arma hija mqassma fi tliet partijiet distinti imma li bejniethom għandhom relazzjoni intima u naturali. Fuq in-naħa tal-lemin tal-arma jidhru l-kuluri ta' forma ta' strixxi tal-familja Karmelitana. Din il-familja tal-Patrijiet Karmelitani jixirqilha kull dritt li tkun rappreżentata fl-arma tal-Fgura għax il-miġja tagħhom tat forma u fisjonomija definittiva lil dan il-post. Il-kuluri ta' dawn l-istrixxi huma kannella u bojod (*off white*) – il-kuluri tal-libsa Karmelitana. Il-parti tax-xellug tal-arma hija mqassma f'żewġ taqsimiet. Il-parti ta' fuq turi tliet kwiekeb fuq sfond oranġjo li l-kulur vivaċi tiegħu juri l-qawmien u l-futur ħaj ta' dan il-post ġdid. It-tliet kwiekeb huma taħt forma ta' trijanglu. Il-kewkba l-kbira li tiddomina din il-parti tirrappreżenta b'mod modern u simboliku lill-Madonna li fi ħdanha twieldet, kibret u qiegħda tiżviluppa l-Fgura. Ta' min ifakkar li l-istess isem tal-Fgura ħa bidu mill-figura tal-Madonna tal-Karmnu li f'kantuniera prominenti kienet tħares dan il-post fl-ewwel żminijiet tiegħu.

Iż-żewġ kwiekeb żgħar jirrappreżentaw iż-żewġ spoki antiki u kontemporanji li fihom issawwar dan il-post li llum laqagħna fil-limiti tiegħu. Però m'hemm l-ebda raġuni l-għaliex dawn it-tlett ikwiekeb ma jistgħux ifissru t-tliet parroċċi li minnhom ġiet iffurmata l-parroċċa tal-Fgura. Kif kulħadd jaf dawn it-tliet parroċċi kienu Ħaż-Żabbar, Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. It-tielet parti li tinsab in-naħa ta'isfel in-naħa tax-xellug turi raġġ ta' dawl li huwa r-rifless li ħiereġ mill-kewkba prinċipali li jintemm f'forma tas-sieq tas-salib Malti, billi juri l-parti ta' isfel tas-salib tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Dan ir-raġġ, li oriġinarjament ried ifisser it-triq prinċipali jiġifieri *Żabbar* u *Hompesch Road* li jgħaqqdu l-parroċċa kollha u fl-istess ħin torbotha ma' tnejn miż-żewġ parroċċi li twieldet minnhom, jistrieħ fuq sfond li jġib il-kulur tal-ġebla Maltija. Fis-sena 1985 żdied il-motto *Niġġeddu dejjem fil-Mulej*. Is-Sur Joseph Sammut u s-Sur Gaetano Borg ħadmu flimkien din l-arma bid-dettalji kollha tagħha. Illum il-ġurnata hija ħasra li din l-arma hekk sabiħa u ta' sinifikat m'għedhiex tintuża. Illum għadha tidher biss f'pavaljun tal-gallarija jew bnadar antiki li jintramaw ma' xi djar fi żmien il-festa. Tajjeb li wieħed isemmi wkoll li din l-arma tidher f'waħda minn sett bandalori li jintramaw ġewwa bħal Tarxien fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata, liema bandalora tifforma parti minn sett li jirrappreżenta l-armi tal-parroċċi li ħarġu mill-parroċċa Tarxiniża.

**Referenzi**


[1] *Leħen il-Fgura*, Awissu/Settembru 1971 p. 4 u 5.

[2] Il-Karmelitani fil-Fgura 1945-1995 – P. Serafin Abela O.Carm